**MINUTI**

**Laqgħa b'urgenza tal-Kunsill Lokali ta' Ta' Xbiex**

# TMIEN LEĠISLATURA

## Laqgħa b' Urgenza Numru 45

**19 ta' Settembru, 2022**

**Il-Kunsilli Lokali ta' Ta' Xbiex ltaqa' b'urgenza fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Highrise Appartments Triq l-Imradd Ta' Xbiex XBX1150, fil-hamsa u nofs ta' filghaxija.**

**PREZENTI:**

**Max Zammit – Sindku**
**Ronald Portelli – Kunsillier**
**Louise Cachia Castelletti - Kunsillier**
**Eugenio Muscat – Kunsillier**

**ASSENTI B'APOLOGIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):**
**Oriana Calleja – Vici Sindku**

**UFFICJAL PREZENTI:**

**Yasmine Tonna – Segretarju Ezekuttiv**

## Minuti

**Is-Sindku Max Zammit ippresjeda l-laqgha b'urgenza.**

### 45.1 Qari Ta' Ittri ta' Apologiji;

**45.1.1** Is-Segretarju Ezekuttiv qrat l-ittra ta' apologija li rciviet minghand il-Vici Sindku Oriana Calleja, fejn infurmat lill-Kunsill li kienet tinsab ma tiflahx.

### 45.2 PA/00680/22;

**45.2.1** Il-Kunsill qabel unanimament li nwasslu r-rappreżentanza tagħna għal PA/00680/22 permezz ta' oġġezzjoni, fid-dawl ta' numru ta' oġġezzjonijiet u ilmenti mressqa minn bosta residenti ta' Ta' Xbiex. Il-Kunsill qabel li jibqa' lest ghal djalogu fil-futur mal-partijiet kollha involuti.

### 45.3 Skemi;

**45.3.1** **Is-Sindku Max Zammit infurma lill-Kunsill li nharget skema ohra bl-isem** "Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali", **fejn nistghu napplikaw ghall-progett li l-Gvern Centrali li kien ghamel mis-sena 2011 il-quddiem. Ghaldaqstant huwa qed jissuggerrixxi li ghandna napplikaw biex nirrangaw il-funtana li hemm fil-car park Triq ix-Xatt.**

**Il-Kunsill qabel unanimament li ghandna napplikaw ghal dan il-progett izda jkolna konferma bil-miktub li l-manutenzjoni xorta tibqa f'idejn ir-responsabilita' tal-Public Works. Igifieri li hekk dan il-progett jigi accettat, b'dawn il-fondi nkunu qed nistghu nsewwu l-hsarat tal-funtana.**

**45.3.2** **Is-Sindku qal ukoll li fl-istess skema ghandna napplikaw ukoll biex jinbiddel il-madum ta' madwar il-funtana.**

**Il-Kunsill qabel unanimament.**

**45.3.3** **Is-Segretarju Ezekuttiv qalet li hadet nota tal-progetti li l-Kunsill jixtieq japplika izda rrimarkat li qed jinhargu skemi b'fondi kbar li qed ikollha ftit zmien biex tkun tista ggib il-materja kollha li ghandha bzonn biex tkun tista tapplika. Hija qalet li se taghmel mill-ahjar li tista imma tfakkar li hija trid min ghand entitajiet privati.**

**Il-Kunsill fehem il-pozzizzjoni taghha u jaqbel maghha izda ovjament ma jixtiequx jitilfu dawn il-fondi. Is-Sindku qal ukoll li s-Segretarju Ezekuttiv ghandha ggib il-kwotazzjonijiet ghal progetti li gie mifthema u hekk ma jirnexxilnix napplikaw ghal progetti kollha, jkunu lesti ghal skemi li jinhargu fil-futur.**

**Il-laqgha intemmet fis-sitta u nofs ta' filghaxija.**

**Konfermati, illum l-Erbgha 19 ta' Settembru, 2022.**

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ______________________ | ______________________ |
| **Max Zammit** | **Yasmine Tonna** |
| **Sindku** | **Segretarju Ezekuttiv** |